# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 680/21 JVC**

**L-Avukat Dottor Mario Scerri (KI 18965G) bhala mandatarju specjali tà Joseph Azzopardi illum Joe Jon-Knight (KI 0061269A)**
*(109, Triq Palma, Rabat, Ghawdex)*

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Mario Scerri bhala mandatarju specjali ta' Joseph Azzopardi kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

i. 'Illi l-esponenti huwa mandatarju specjali tà Joe Jon-Knight già Joseph Azzopardi, u dan skont l-annessa prokura datata 24 tà Gunju 2021 (dokument 'A').

ii. Illi r-rikorrent bin Antonio Azzopardi u Maria neé Zahra twieled f'St. Pancras, Kent, Renju Unit nhar is-sitta (6) tà Mejju elf disà mija u tmienja u sittin (1968), u inghata l-isem tà Joseph Azzopardi u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu, anness u mmarkat Dokument 'B'.

iii. Illi r-rikorrent bin ġenituri mwildin f'Malta u t-tnejn cittadini tà Malta, sar cittadin tà Malta fit-twelid bis-sahha tal-Artikolu 5(2)(a) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet tà Malta (Certifikati tat-Twelid tal-genituri esibiti u mmarkati Dokumenti 'C' u 'D'). L-att tat-twelid tieghu gie registrat ukoll fir-Registru Pubbliku tà Malta bin-numru progressiv 919/2011, anness u mmarkat Dokument 'E'.

iv. Illi r-rikorrenti trabba, ghex u huwa huwa residenti f'Kent fir-Renju Unit. Illum ghandu tlieta u hamsin (53) sena u huwa meqjus taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 188 tal-Ligijiet tà Malta li qatt ma tilef ic-cittadinanza Maltija (korrispondenza mahruga mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u tà l-Expatriates annessa u mmarkata Dokumenti 'F').

v. Illi bis-sahha tà *deed poll* tal-ghaxra (10) tà Jannar elfejn u hamsa (2005), ir-rikorrent rrinunzja ghal ismu u kunjomu tà Joseph Azzopardi, u adotta l-isem tà 'Joe', kif sa mit-twelid kien imsejjah u maghruf, u l-kunjom tà 'Jon-Knight' (Dokument 'G'), liema *deed poll* huwa regolat b'mod legali mir-Renju Unit u minn dak iz-zmien sallum jien dejjem u kostantament maghruf bl-isem u l-kunjom tà 'Joe Jon-Knight', u minn dakinhar 'il hawn r-

rikorrent qatt ma regà uza l-isem u l-kunjom precendenti tà Joseph Azzopardi, izda tà 'Joe Jon-Knight'.

vi. Illi kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi, li jinkludu kopja tal-passaport Brittaniku tar-rikorrent mmarkata Dokument 'H', kopja tal-karta tà l-identità Maltija tar-rikorrent bin-numru 0061269A mmarkata Dokument 'I', il-*bank statement* tar-rikorrent immarkat Dokument 'J', kopja tad-dokument tal-vot tar-rikorrent immarkata Dokument 'K', u kopja tal-kont tas-servizz tac-cellulari tar-Renju Unit immarkat Dokument 'L', l-esponenti huwa maghruf bhala Joe Jon-Knight.

vii. Illi madanakollu meta recentement l-esponenti pprova japplika ghall-passaport Malti, huwa gie nfurmat mill-ufficcju tal-Passaporti li stante li l-Att tat-Twelid tieghu gewwa Malta ghadu jaqra 'Joseph Azzopardi', l-ufficcju ma jistax johroglu passaport bl-isem tà 'Joe Jon-Knight', u dan minkejja li *ormai* ilu ghal dawn l-ahhar sittax (16) il-sena maghruf b'dan il-mod.

viii. Illi huwa evidenti li c-certifikat tat-Twelid tar-rikorrent mahrug mir-Registru Pubbliku tà Malta u mmarkat Dokument 'G' m'huwiex qed jirrifletti u jirrispetta r-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat fejn wiehed ghandu jaderixxi u jirrispetta l-principju tà *mutual recognition* tà atti ufficjali tà pajjiz iehor.

ix. Illi r-rikorrent ghalhekk jixtieq jirregola l-pozizzjoni tieghu b'dan illi jsiru l-korrezzjonijiet relattivi fic-certifikat tat-twelid tieghu kif huwa registrat hawn Malta sabiex dawn jirriflettu r-realtà tal-fatti, u ma tkomplix tigi kejata konfuzjoni u tigi eliminata kull inkonsistenza bejn id-dokumenti ufficjali tà Malta u tar-Renju Unit dwar l-identità tar-rikorrent.

x. Illi din it-talba qed issir ai termini tal-Artikolu 253et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet tà Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna

1. Tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrent huwa 'Joe Jon-Knight'; u konsegwentement

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni necessarja fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru disà mija u dsatax tas-sena elfejn u hdax (919/2011), u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet mehtiega u opportuni fl-Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent jigi ndikat u jkun maghruf bhala 'Joe Jon-Knight' kull fejn ikun hekk mehtieg;

3. Tordna li ai termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-annotazzjonijiet hawn fuq ordnati jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat.

Bl-ispejjez kontra d-direttur intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

**3.** Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li riċentement il-Qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

**4.** Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha ssir: (i) il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of* name deed ikun verament sar, (ii) il-prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) il-prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1];

**5.** Illi fil-każ odjern, l-isem u l-kunjom mogħtijin lir-rikorrent u li permezz tagħhom għandu jkun imsejjaħ ir-rikorrent jirriżultaw mill-att tat-twelid innumerat 919/2011, li jinsab hawn anness u mmarkat Dok. DRP 1. Minn dan l-att jirriżulta illi r-rikorrent twieled f'St. Pancras l-Ingilterra fis-6 ta' Mejju tal-1968, lil Antonio Azzopardi u lil Maria Azzopardi née Zahra, u li għandu jissejjaħ bl-isem Joseph Azzopardi;

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011; **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015; **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

**6.** Illi l-att tat-twelid lokali jirriproduċi *ad verbatim* l-informazzjoni li tinsab fuq l-att tat-twelid esteru, u dan ai termini tal-artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Kopja tal-att tat-twelid esteru tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2. Din l-informazzjoni kienet ipprovduta mir-rikorrent innifsu, kif tixhed id-dikjarazzjoni relattiva tiegħu, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok DRP 3, u għalhekk isegwi illi ma sar ebda żball min-naħa tad-Direttur intimat;

**7.** Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent *nomine* spjega illi permezz ta' *deed poll* datat 10 ta' Jannar 2005, Joseph Azzopardi irrinunzja għal ismu Joe Azzopardi u ddikjara illi kien qed jadotta l-isem Joe Jon-Knight. Għaldaqstant ir-rikorrent effettivament bidel ismu minn Joseph għal Joe, u kunjomu minn Azzopardi għal Jon-Knight;

**8.** Illi l-esponent jinnota illi r-rikorrent *nomine*, *inter alia*, ippreżenta mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u għadd ta' dokumenti bl-intiża li jsostni t-talbiet kif dedotti. Fid-dawl ta' dan, u bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-tliet talbiet attriċi, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, anke sabiex ikun assigurat illi ma tinħoloq ebda identità doppja fiċ-ċirkostanzi;

**9.** Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhix attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**10.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.'.

Rat illi saret id-debita pubikazzjoni li tinsab esebita a fol. 23 tal-process b'dana li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata;

Rat id-dokumentazzjoni kollha esebita mir-rikorrent inkluz certifikat tat-twelid, u partikolarment rat id-*deed poll* esebit a fol. 12 et seq tal-process li minnu jirrizulta illi fid-data tal-10 ta' Jannar 2005, ir-rikorrent irrinunzja ghal ismu Joe Azzopardi u beda juza l-isem Joe Jon-Knight;

Rat ukoll il-kopji tal-passaport tar-Renju Unit illi jindika fil-fatt il-bdil fl-isem;

Rat ukoll il-karta tal-identita' Maltija li diga' tindika l-isem Joe Jon-Knight.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz filwaqt li tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li l-isem korrett tar-rikorrent huwa 'Joe Jon-Knight' u konsegwentement;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li ssir il-korrezzjoni neccessarja fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru disà mija u dsatax tas-sena elfejn u hdax (919/2011), u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet mehtiega u opportuni fl-Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent jigi ndikat u jkun maghruf bhala 'Joe Jon-Knight' kull fejn ikun hekk mehtieg;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ai termini tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-annotazzjonijiet hawn fuq ordnati jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru, 2021**